



Brussell, 25 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8824/21

TRANS 297
AVIATION 124
MAR 84
ENV 312
CLIMA 111
MI 352
RECH 218
IND 129
ENER 181
COMPET 360

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8652/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tal-Kummissjoni - Approvazzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat il-Komunikazzjoni bit-titolu "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur". Din għandha l-għan li tqiegħed lill-UE fit-triq lejn il-ħolqien tas-sistema ta' mobbiltà sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti tal-futur u li twassal għall-bidliet fundamentali meħtieġa biex jinkisbu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.
2. Minħabba l-oġettivi importanti tal-Istrateġija, il-Presidenza organizzat għadd ta' diskussjonijiet permezz ta' vidjokonferenzi informali tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Intermodali li kellhom l-għan li jipprovdu għarfien dwar l-oqsma differenti koperti mill-Istrateġija, u ddeċidiet li tiżviluppa konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan is-suġġett.

II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

3. Konsegwentement, l-ewwel abbozz tal-konklużjonijiet ġie ppreżentat fil-vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks tal-20 ta' April¹, u saru aktar diskussjonijiet fit-28 ta' April u l-5 ta' Mejju 2021. Barra minn hekk, l-Istati Membri ntalbu jippreżentaw kummenti bil-miktub.
4. L-aħħar diskussjoni saret fit-12 ta' Mejju, fejn il-membri tal-Grupp ta' Ħidma eżaminaw test ta' kompromess rivedut tal-Presidenza. F'din il-laqgħa, il-maġġoranza assoluta tad-delegazzjonijiet appoġġaw il-biċċa l-kbira tal-partijiet tat-test ta' kompromess, filwaqt li xi delegazzjonijiet esprimew fehmiet diverġenti jew ressuq proposti ta' abbozzar dwar xi wħud mill-kwistjonijiet li ġew ittrattati fil-konklużjonijiet, speċjalment fir-rigward tal-paragrafi 5 u 10.
5. Wara l-kummenti u t-tħassib espressi fl-aħħar vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza ħejjiet verżjoni riveduta tal-konklużjonijiet bl-għan li jiġu indirizzati s-suġġerimenti jew it-tħassib tad-delegazzjonijiet espressi fil-laqgħa tat-12 ta' Mejju.
6. Sussegwentement, l-abbozz ġie ppreżentat lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, li, fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Mejju, ikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li jinsab fl-Anness għal dan ir-rapport u ddeċieda li jippreżentah lill-Kunsill TTE fit-3 ta' Ġunju 2021 għall-approvazzjoni.

III. KONKLUŻJONI

7. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden japprova l-konklużjonijiet dwar l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tal-Kummissjoni, li jinsabu fl-Anness għal dan ir-rapport.

¹ ST 7891/21 u r-reviżjonijiet tiegħu.

Abbozz

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL

dwar

I-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tal-Kummissjoni

WARA LI KKUNSIDRA:

- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2019² u ta' Diċembru 2020³, fir-rigward tat-tibdil fil-klima;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2020⁴ u d-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2021, fir-rigward ta' kwistjonijiet diġitali⁵;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar konsiderazzjonijiet ta' politika għal pjan ta' kontinġenza għal pandemija u kriżijiet maġġuri oħra għas-settur tat-trasport tal-merkanzija Ewropew⁶;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-konformità mal-miżuri meħtieġa ta' iġjene u ta' kontroll tal-infezzjonijiet biex jiġi żgurat it-trasport kollettiv transfruntier tal-passiġġieri⁷;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress tal-implimentazzjoni tan-*Network trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T)* u l-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)* għat-trasport⁸;

² EUCO 20/19

³ EUCO 22/20

⁴ EUCO 13/20

⁵ SN 18/21

⁶ ST 12391/20

⁷ ST 9699/20

⁸ ST 15425/17

- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Prioritajiet għall-politika tal-UE dwar it-trasport marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji"⁹;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport¹⁰;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-"Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE – Prospettiva Futura: Lejn Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv"¹¹;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Lejn suq tal-idroġenu għall-Ewropa";¹²
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tas-sistemi tal-enerġija fl-Unjoni tal-Enerġija biex jiżguraw it-tranżizzjoni enerġetika u l-kisba tal-oġġettivi enerġetiċi u klimatiċi sal-2030 u lil hinn¹³;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku¹⁴;
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Ferroviji fuq quddiem nett tal-Mobbiltà Intelliġenti u Sostenibbli"¹⁵.

⁹ ST 9976/17
¹⁰ ST 15431/17
¹¹ ST 8648/20
¹² ST 13976/20
¹³ ST 10592/19
¹⁴ ST 13852/20
¹⁵ ST 8790/21

1. JILQA' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti¹⁶, li tinkludi viżjoni fuq perijodu medju sa twil għal sistema ta' trasport u mobbiltà aktar favur l-ambjent u l-klima, u li hija diġitalizzata, reżiljenti, ġusta u kompetittiva.
2. JAPPOĠĠA l-viżjoni tal-Kummissjoni li t-trasport Ewropew isir aktar sostenibbli, inklużiv, intelliġenti, sikur u reżiljenti, u li jiġi żgurat kontribut kbir mis-settur tat-trasport biex jintlaħaq l-oġettiv ta' UE newtrali għall-klima sal-2050 skont il-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll il-mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku nett fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) fl-UE ta' mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990.
3. F'dan ir-rigward, IQIS li, b'mod parallel ma' bidla lejn mezz aktar sostenibbli, jenħtieġ li l-mezzi kollha tat-trasport jikkontribwixxu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tas-settur tat-trasport sal-2030 u sal-2050 b'mod li jippreserva l-kompetittività tagħhom u li jieħu kont tal-potenzjal tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. F'dan il-kuntest, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tivvaluta, skont ir-rekwiżiti għal Regolamentazzjoni Aħjar, kif kull miżura prevista fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti ser tiżgura li l-mezzi tat-trasport ikunu jistgħu jikkontribwixxu bl-aħjar mod għall-kisba tal-miri msemmija hawn fuq għall-2030 u l-2050, inkluż bit-twertiq ta' eżami fil-fond tal-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali fil-livell tal-Istati Membri.
4. Barra minn hekk, JISSOTTOLINJA li l-isforzi biex jinkisbu l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet jenħtieġ li jitwettqu b'mod kollettiv bl-aktar mod kosteffettiv possibbli, bl-Istati Membri kollha jipparteċipaw f'dawk l-isforzi, filwaqt li jittieħed kont ta' konsiderazzjonijiet tal-ġustizzja u s-solidarjetà, u tal-punti ta' tluq differenti u ċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi tal-Istati Membri, inkluż dawk ta' gżejjer Stati Membri u ta' gżejjer, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

¹⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur (ST 14012/20 + ADD 1)

5. Bil-ħsieb li jitnaqqas b'mod sostanzjali l-konsum u d-dipendenza fuq fjuwils fossili, HUWA TAL-FEHMA li bidla ambizzjuża iżda bilanċjata lejn vetturi, bastimenti, sistemi tal-inġenji tal-ajru u flotot b'emissjonijiet żero, li tippromwovi s-sensibilizzazzjoni u l-prevedibbiltà għall-partijiet kollha, mill-fornituri sal-konsumaturi, teħtieġ aġġornament tal-qafas leġislativ tal-UE, skont il-prinċipji ta' suq intern li jiffunzjona, biex jiġi ffaċilitat it-tqegħid fis-suq u l-adozzjoni ta' sistemi alternattivi ta' propulsjoni, bħal dawk li jaħdmu bl-elettriku jew bl-idroġenu, ikkomplementati minn varar estensiv ta' infrastruttura ta' appoġġ, inkluż il-varar ta' punti tal-iċċarġjar u ta' riforniment għal fjuwils alternattivi. IQIS f'dan il-kuntest li soluzzjonijiet b'emissjonijiet baxxi u fjuwils tat-trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew rinnovabbli jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet effettivi għat-tranżizzjoni, u jenħtieġ li jiżdiedu l-isforzi biex jiġi evitat it-tqegħid fis-suq tal-aktar mezzi tat-trasport li jniġġsu għal kull mezz ta' trasport.
6. JISĦAQ li l-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u "l-utent iħallas" jenħtieġ li jiġu riflessi fil-miżuri ta' politika tat-trasport għall-mezzi kollha tat-trasport. JENFASIZZA li jenħtieġ li jiġu stabbiliti inċentivi biex jiġi promoss l-użu ta' trasport aktar sostenibbli, inkluż għat-tiġdid u l-modifika retroattiva ta' vetturi, bastimenti, sistemi tal-inġenji tal-ajru u flotot.
7. JISĦAQ li d-diġitalizzazzjoni u l-promozzjoni tal-innovazzjoni fit-teknoloġiji ekoloġiċi huma l-ixpruni ewlenin tal-kompetittività globali fit-tul tas-sistema tat-trasport tal-UE, peress li jistgħu jtejbu s-sostenibbiltà, inkluż billi jnaqqsu t-tniġġis, iġibu aktar effiċjenza, sikurezza, sigurtà u kumdità, u jippromwovu ekosistema tat-trasport multimodali integrata, u f'dan il-kuntest JAPPELLA għall-approċċ identifikat fid-Dikjarazzjoni ta' Passau tad-29 ta' Ottubru 2020, "Patt Intelliġenti għall-Mobbiltà – Insawru l-mobbiltà tal-futur permezz tad-diġitalizzazzjoni - sostenibbli, sikura, sigura u effiċjenti", li għandu jittieħed meta jiġu żviluppati politiki tat-trasport u tal-mobbiltà. IFAKKAR li l-multimodalità teħtieġ informazzjoni multimodali u interoperabbli dwar l-ivvjaġġar, il-ħruġ ta' biljetti u l-ħlas.

8. IFAKKAR fl-importanza tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni biex jissaħħu s-sostenibbiltà, id-diġitalizzazzjoni u r-reżiljenza tas-sistema tat-trasport u tal-mobbiltà u JILQA' b'mod partikolari l-kontribut li s-sħubiji stabbiliti taħt il-programm Orizzont Ewropa jenħtieġ li jagħtu f'dak ir-rigward, filwaqt li jenfasizza li, minbarra l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi newtrali għall-klima, huma meħtieġa wkoll bidliet fl-imġiba tal-utenti tas-sistema tat-trasport u tal-mobbiltà għal dak il-għan.
9. JISĦAQ li l-isforzi ta' riċerka u innovazzjoni fil-mobbiltà konnessa u awtomatizzata kooperattiva jenħtieġ li jkopru l-mezzi kollha tat-trasport b'mod li jirriżulta f'titjib fis-sikurezza u l-effiċjenza tat-trasport, inaqqsu l-konġestjoni u jikkontribwixxu għall-oġettivi klimatiċi u ambjentali, filwaqt li jrawmu wkoll l-interoperabbiltà u l-protezzjoni tad-data fl-istadju tal-implimentazzjoni, u jipprevedu każijiet ta' użu inklużiv, aċċessibbli u affordabbli. IFAKKAR fil-ħtieġa li titħejja l-infrastruttura li tappoġġa l-awtomatizzazzjoni.
10. JAPPELLA għall-adozzjoni rapida ta' inizjattiva dwar spazju tal-UE tad-data dwar il-mobbiltà, li jenħtieġ li tiżgura aċċess ġust, affidabbli u sigur għad-data u l-interoperabbiltà tagħha għal effiċjenza mtejba fit-trasport, inkluż il-promozzjoni ta' trasport multimodali bla xkiel għall-passiġġieri u l-merkanzija, filwaqt li timmira wkoll lejn l-interoperabbiltà tad-data ma' spazji tad-data relatati oħra. JOSSERVA li l-iżvilupp ta' sistemi intelliġenti tat-trasport jenħtieġ li jkompli jkun ibbażat fuq sett wiesa' ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni elettronika, bħat-teknoloġiji mobbli u tal-Wi-Fi, kif ukoll servizzi u infrastruttura li huma strateġikament kritiċi, bħal Galileo u EGNOS.

11. JENFASIZZA li t-tlestija taż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport tibqa' pedament tal-politika tat-trasport tal-UE u JISĦAQ li prekondizzjoni għar-realizzazzjoni ta' dik il-mira u għall-kisba ta' trasport u mobbiltà sostenibbli u intelliġenti hija li jkun hemm infrastruttura tat-trasport reżiljenti, aġġornata u multimodali bi prestazzjoni għolja biex tgħin fil-konnessjoni u l-integrazzjoni tal-Istati Membri u r-reġjuni kollha tal-UE, inkluż dawk imbiegħda, ultraperiferiċi, insulari, periferiċi, muntanjużi u skarsament popolati, bil-ħsieb li jittejjeb il-moviment liberu ta' persuni, merkanzija u servizzi. F'dan il-kuntest IFAKKAR fl-importanza li jitlesti n-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni u komprensiv fil-perijodu ta' żmien stabbilit, inkluż bl-indirizzar ta' konnessjonijiet nieqsa u punti ta' konġestjoni, u jilqa' l-integrazzjoni ulterjuri ta' nodi urbani.
12. JISTENNA B'INTERESS il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-inizjattiva Mobbiltà Urbana li jmiss u JISSOTTOLINJA f'dan il-kuntest l-importanza tal-promozzjoni ta' mobbiltà attiva bħaċ-ċikliżmu u l-mixi, l-użu tat-trasport pubbliku u servizzi tal-mobbiltà ġodda, il-ġestjoni tal-mobbiltà effettiva, il-multimodalità u l-mezzi tat-trasport sostenibbli fil-mezzi kollha tat-trasport (bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru), kif mitlub fid-Dikjarazzjoni ta' Graz tat-30 ta' Ottubru 2018 dwar "Nibdew era ġdida: mobbiltà nadifa, sikura u affordabbli għall-Ewropa". IFAKKAR f'dan il-kuntest li t-trasport pubbliku ġie affettwat serjament mill-kriżi tal-COVID-19 u li r-rispons politiku għall-kriżi jenħtieġ li jkollu l-għan li jerġa' jistabbilixxi l-fiduċja fit-trasport pubbliku u jtejjeb ir-reżiljenza tiegħu, filwaqt li jaċċellera t-trasformazzjoni u l-modernizzazzjoni sostenibbli tiegħu u jiżgura l-affordabbiltà tat-trasport, minħabba r-rwol essenzjali tat-trasport pubbliku fil-koeżjoni soċjali u territorjali.

13. JISSOTTOLINJA li, filwaqt li ssir aktar sostenibbli, diġitalizzata u awtomatizzata, is-sistema tat-trasport u tal-mobbiltà jenħtieġ li tibqa' ffukata fuq l-utent u fuq il-bniedem. Il-politika tat-trasport tal-UE jenħtieġ li tkun inklużiva, filwaqt li tippromwovi d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà għal kulħadd, inkluż għal gruppi vulnerabbli bħall-anzjani, il-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u l-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll għat-tfal. Jenħtieġ li tiġi żgurata l-affordabbiltà sabiex tiġi miġġielda l-prekarjetà fir-rigward tat-trasport, u jenħtieġ li tiżdied is-sikurezza tat-trasport, inkluż fil-mobbiltà attiva. Jenħtieġ ukoll li l-politika tat-trasport tal-UE tkompli ttejjeb il-kundizzjonijiet soċjali fil-mezzi kollha, inkluż il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ittejjeb l-opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u żżid l-attrazzjoni tal-impjieg fis-settur. JIFHEM li l-politika tat-trasport tal-UE jenħtieġ li jkollha l-għan li telimina l-inugwaljanzi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll id-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Huwa mistenni li jittieħed kont tal-integrazzjoni ta' dawn l-oġġettivi u li din tiġi promossa matul it-tnejn, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' miżuri tal-politika tat-trasport. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' impenn pubbliku u djalogu soċjali effettivi sabiex fil-politiki tat-trasport u tal-mobbiltà jiġu riflessi b'mod adegwat il-ħtiġijiet li qed jinbidlu tan-nies u tal-partijiet ikkonċernati.
14. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-trasport u l-loġistika jirkupraw b'mod sħiħ mill-kriżi attwali tal-COVID-19. JISSOTTOLINJA li r-rispons ekonomiku għal dik il-kriżi joffri opportunità biex jiġu aċċellerati t-trasformazzjoni u l-modernizzazzjoni sostenibbli tas-sistema tat-trasport u tal-mobbiltà, u JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr il-progress li sar fit-tnejn ta' pjan ta' kontinġenza għat-trasport biex jiġu indirizzati aħjar il-pandemiji u kriżijiet kbar oħra, kif mitlub mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu dwar konsiderazzjonijiet ta' politika għal pandemija u pjan ta' kontinġenza għal kriżijiet kbar oħra għas-settur Ewropew tat-trasport tal-merkanzija.

15. JISĦAQ FUQ l-importanza li titqies ukoll id-dimensjoni internazzjonali tal-politika tat-trasport bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur tat-trasport tal-UE, kif ukoll is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tiegħu wara żviluppi globali, u li jinqeda rwol attiv fil-fora internazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-istabbiliment ta' standards globali u ż-żamma ta' kondizzjonijiet ekwivalenti.
16. JIEĦU NOTA tal-istima tal-Kummissjoni, li tinsab fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tagħha, ta' diskrepanza finanzjarja globali ta' madwar EUR 230 biljun kull sena sal-2030 b'rabta mal-miżuri meħtieġa biex tinkiseb il-viżjoni għal sistema tat-trasport u tal-mobbiltà aktar reżiljenti, sostenibbli u aktar intelliġenti, inkluż l-isforzi ta' tranżizzjoni. JISSOTTOLINJA li livell xieraq ta' finanzjament tal-UE, kif ukoll ta' finanzjament pubbliku fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali u riżorsi privati huwa kruċjali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet sinifikanti ta' investiment li jirriżultaw minn ambizzjoni intelliġenti u sostenibbli akbar fil-mezzi kollha. F'dan il-kuntest JILQA' r-reviżjoni li għaddejja tal-Grupp tal-BEI tal-politika ta' finanzjament tiegħu għat-trasport fil-qafas usa' tal-Pjan Direzzjonali tal-Bank Klimatiku 2021-2025 u JENFASIZZA l-ħtieġa li dik il-politika ta' finanzjament tiġi allinjata mal-oġġettivi tal-politika tat-trasport tal-UE skont il-linji stabbiliti f'dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill.
17. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex timmonitorja fuq bażi regolari jekk l-azzjonijiet ta' politika previsti fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti humiex biżżejjed għar-realizzazzjoni ta' dawk l-oġġettivi ta' politika tat-trasport tal-UE, jew jekk jistgħux ikunu meħtieġa miżuri addizzjonali.
-